MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 887/2002

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Michael u Lucienne mizzewgin Delia.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2002 li permezz tieghu l-Bank attur ippremetta:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f' kuntratt datat 28 t' Awwissu, 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef

(Dok “A”), is-socjeta’ attrici ikkoncediet “Overdraft Facility”, kif ukoll ikkoncediet “Loan Facilities” lill-konvenuti Michael u Lucienne mizzewgin Delia.

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Michael u Lucienne mizzewgin Delia fis-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, mitejn u erbatax-il Lira erbatax il-centezmu (Lm22,214.14) bilanc debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Michael u Lucienne mizzewgin Delia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1 sa B4”, “C1 sa C2”, “D1”, u “E1”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ April, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Lulju, 2002 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “F”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. tikkundanna lil Michael u Lucienne mizzewgin Delia jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, mitejn u erbatax-il Lira erbatax il-centezmu (Lm22,214.14) bilanc debitu fil-“Loan u Overdrat Accounts” ta’ Michael u Lucienne mizzewgin Delia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1 sa B4”, “C1 sa C2”, “D1”, u “E1”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ April, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 4 ta’ Lulju, 2002 u tal-Mandat ta’ Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur mahlufa mill-Prokuratur Legali Joseph Zammit I.D. 19834 (G) u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati ma’ pprezentawx l-eccezzjonijiet taghhom u ghalhekk baqghu kontumaci skond il-Ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Jannar, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat illi l-prova prodott mill-Bank attur ma gietx kontradetta.

**Il-Qorti ghalhekk, fil-kontumacja tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti Michael u Lucienne mizzewgin Delia in solidum u bejnithom jhallsu lill-Bank attur is-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, mitejn u erbatax-il Lira erbatax il-centezmu (Lm22,214.14) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ April, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament. Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficcjali u l-mandati msemmija fic-citazzjoni ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------